MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Rikors Numru. 82/2013

**Jorge Alvarez Granado**

**Vs**

1. **Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment**
2. **Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Jorge Alvarez Granado** ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2013 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' avviz datat 13 ta' Frar 2013, hawn anness u mmarkat Dok A, l-esponent gie avzat mill-Awtorita` intimata, Ministeru tal-Finanzi illi t-talba tieghu ghall-ezenzjoni mill-*

*hlas ta' registrazzjoni fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Seat Leon bin-numru ta' registrazzjoni 5630 GWL kienet qed tigi respinta minhabba dak li huwa provdut fil-Legal Notice 6 tas-sena 2012 taht regola 4(3)(c).*

*Peress illi l-istess esponenti hass ruhu aggravat minn tali decizjoni, huwa qieghed jinterponi umili appell minn tali decizjoni permezz tal-odjern rikors.*

*Illi l-aggravju jinsab fis-segwenti osservazzjonijiet:-*

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad li l-appellant kien gie ghal kollox zvijat minn ufficcjali tat-Transport Malta dwar kif u meta seta' japplika ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' registrazzjoni fuq il-vettura tieghu u dana kif sejjer jirrizulta ahjar waqt is-smigh ta' dan l-appell.*

2. *Illi fit-tieni lok jinghad li l-perjodu ta' tletin gurnata indikata fid-decizjoni ma humiex necessarjament applikabbli ghalih fil-kaz in ezami. Dana qed jinghad peress illi l-appellant seta' jidhol Malta bhala turist bil-vettura tieghu minghajr ma jhallas ghar-registrazzjoni tal-vettura u kwindi in segwitu japplika ghal tali ezenzjoni fuq il-vettura tieghu f'dak il-perjodu ta' sitta jew seba' xhur meta u jekk jiddeciedi li jistabbilixxi r-residenza tieghu hawn Malta.*

3. *Illi jinghad in oltre li decizjoni ghal tali ezenzjoni tista' biss tinghata skont l-artikolu 4(3)(d) wara xahrejn minn meta l-applikant ikun sar resident normali hawn Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar minn dik id-data. Wiehed josserva li l-appellant ghadu sewwa sew entro l-parametri ta' tali termini.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu ghar-ragunijiet premessi jordna r-revoka in toto tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita` fuq citata datata 13 ta' Frar 2013 u konsegwentement tordna li t-talba tieghu ghall-ezenzjoni kif dedotta tigi akkolta."*

Ra r-risposta ta' **Transport Malta** ipprezentata fl-14 ta' Marzu 2013 li permezz taghha ippremettiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi in linea preliminari, ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita` intimata huwa l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni.*

2. *Illi in linea preliminari, l-Awtorita` esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ttiehdet unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont ir-Regolament 10 tar-Regoli tal-2009 dwar Ezenzjonijiet mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 196 tal-2009) u inoltre l-Awtorita` esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni.*

3. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti kontra l-Awtorita` esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata."*

Ra r-risposta tal-**Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment**ipprezentata fit-22 ta' Marzu 2013 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi fl-ewwel lok, l-esponent mhux kompetenti biex iwiegeb l-ewwel ilment imressaq mill-intimat.*

*Illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet ilment, l-informazzjoni moghtija mill-intimat fl-applikazzjoni ghal hlas ta' ezenzjoni u dak minnu dikjarat fir-rikors promotur huma konfliggenti: Illi filwaqt illi l-intimat fl-applikazzjoni ddikjara illi huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu fit-23 ta' Settembru 2012 u cioe` fl-istess gurnata meta l-vettura tieghu waslet f'Malta, fir-rikors odjern huwa qed jistqarr illi huwa seta' kien Malta bhala turist. Illi bir-rispett kollu, il-mument illi l-intimat ddikjara illi trasferixxa r-residenza tieghu, huwa 'waqaf' illi jkun turist.*

*Illi kif ser jispjega l-esponent fil-mori tal-proceduri, l-applikazzjoni tal-intimat giet michuda stante illi huwa ma ssodisfax il-kriterji taht ir-regolament 4(3)(e) tal-L.N. 6 tal-2012.*

*Illi abbazi ta' dan in-nuqqas, it-talbiet tal-intimat ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2013 ir-rikorrent talab korrezzjoni fl-isem ta' l-Awtorita` intimata, liema talba giet milqugha u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-istess Awtorita` giet sorvolata;

Sema’ x-xhieda ta’ Jonathan Fenech Adami,[1] ta’ Herald Bonnici,[2] u ta’ Norma Camilleri;[3]

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b’decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar ‘il quddiem imsejjah “Il-Bord”) datata 13 ta’ Frar 2013 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*“Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(e).*

*You have the right to appeal from this decision, within 21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provisions of the Administrative Justice Act (Cap. 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*

*For this purpose, unless you intend to appeal, the temporary permit issued on 23rd January, 2013, is being, hereby, revoked.”*[4]

---

[1] A fol. 37 sa 41
[2] A fol. 44 sa 48
[3] A fol. 91 93
[4] Dok A a fol. 3

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa wasal Malta f'Settembru tal-2012. Jghid li huwa l-proprjetarju ta' vettura tal-marka Seat Leon li kienet ilha ghandu ghal sentejn qabel gie hawn Malta. Jghid li huwa wasal Malta bl-istess vettura u li qabel ittrasferixxa r-residenza tieghu huwa gab informazzjoni minghand Transport Malta fejn gie informat li kellu seba' xhur biex jirregistra l-istess vettura hawn Malta. Jghid li din l-informazzjoni kisibha minghand Jonathan Fenech Adami, missier it-tfajla tieghu u kif ukoll minghand it-tfajla tieghu Adriana li wkoll ghamlet ir-ricerki taghha. Jghid li wara li wasal Malta huwa applika ghall-permess ta' residenza u wara applika ghar-registrazzjoni tal-vettura. Jghid li huwa applika fil-perjodu ta' seba' xhur li kien ilu hawn Malta.

**Adriana Fenech Adami** stqarret illi hija t-tfajla tar-rikorrent u li kienet tghix mieghu gewwa Spanja qabel ma gew joqoghdu b'mod permanenti hawn Malta. Tghid li meta ghamlu l-hsieb li jigu joqoghdu hawn Malta hija bdiet taghmel il-verifiki rigward il-vettura u ghal dan il-ghan inkarigat lil missierha biex jistaqsi dwar x'ried isir biex il-vettura tingieb hawn Malta. Missierha fil-fatt gie mgharraf li r-rikorrent seta' jigi bil-vettura tieghu hawn Malta, joqghod hawn ghal seba' xhur sakemm jiddeciedi x'se jaghmel u ma kienx hemm bzonn li jhallas it-taxxa tar-registrazzjoni. Meta eventwalment jiddeciedi imbaghad seta' japplika ghall-ezenzjoni. Tghid li meta giet ghal vaganza f'Awissu 2012 hija kienet cemplet Transport Malta biex tivverifika l-informazzjoni li kien wasslilha missierha u dwar x'dokumentazzjoni kellu bzonn ir-rikorrent. Tghid li giet mgharrfa li r-rikorrent seta' jnizzel il-vettura tieghu hawn Malta u fi zmien seba' xhur ried jiddeciedi hux se jhalliha hawn Malta jew le. Tghid li meta regghet irritornat Spanja hija bghatet *e-mail* lil Transport Malta fejn staqsiet kienx hemm bzonn ta' dokument partikolari u hija rceviet risposta fin-negattiv pero` ma ssemma l-edba *deadline* jew perjodu ta' zmien. Tghid li meta f'Settembru waslu Malta hija infurmat lil certa Norma Camilleri li tahdem ma' Transport Malta li kien waslu u l-istess Camilleri baghtitilha x'dokumenti kellhom bzonn. Tghid li hija staqsiet jekk ir-rikorrent kellux bzonn il-permess ta' residenza u Camilleri regghet baghtitilha l-lista tad-dokumenti fejn il-permess ta' residenza gie *highlighted* bl-ahdar u ghalhekk hija fehmitha li kellu bzonnu. Tghid li ghalhekk ir-rikorrent applika ghall-permess ta' residenza li inhareg wara xi xaharejn u nofs u wara applikaw ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Tghid li wara xi xahar huma rcevew ittra mill-Ministeru tal-Finanzi fejn gew infurmati li l-applikazzjoni taghhom giet rifjutata peress li ma kinux applikaw fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta. Tghid ukoll li saret taf ukoll illi r-rikorrent ma kellux bzonn permess ta' residenza ghaliex kien gej minn pajjiz tal-Unjoni Ewropeja u dan minkejja li tali permess kien imnizzel.

**Jonathan Fenech Adami**, jistqarr illi huwa missier l-gharusa tar-rikorrent. Jghid li r-rikorrent huwa ta' nazzjonalita` Spanjola u lejn l-ahhar ta' Settembru 2012 ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta u ghadu jghix hawn Malta. Jghid li qabel ttrasferew ir-residenza taghhom hawn Malta, bintu u r-rikorrent riedu xi informazzjoni dwar il-procedura biex tingieb il-vettura li r-rikorrent kien xtara fi Spanja. Ghalhekk huwa cempel l-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta fejn gie infurmat li r-rikorrent seta' jibqa' hawn Malta bil-vettura bhala turist ghal zmien seba' xhur. F'kaz li jiddeciedu li jkunu se jibqghu Malta jew se joqoghdu Malta ghal perjodu itwal allura setghu japplikaw ghal ezenzjoni. Huwa gie infurmat ukoll li r-rikorrent kellu japplika ghal permess ta' residenza. Jghid li din l-informazzjoni huwa ghaddiha b'*e-mail* lit-tifla tieghu.[5] Jghid li eventwalment ir-rikorrent applika ghall-permess ta' residenza, liema permess gie mahrug u wara applika ghall-ezenzjoni.

**Herald Bonnici**, rapprezentant tal-Ministeru intimat, stqarr li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni fuq l-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti illi l-istess applikazzjoni riedet tigi sottomessa fi zmien tletin gurnata minn meta l-applikant ikun ha r-residenza hawn Malta jekk il-vettura tkun diga waslet Malta. Jghid li min-naha tal-Minister ma jirrikjedux bhala prova d-dokument tat-trasferiment ta' residenza. Huwa jikkonferma li l-applikazzjoni giet pprezentata fis-7 ta' Jannar 2013, li r-rikorrenti iddikjara li ha r-residenza tieghu fit-23 ta' Settembru 2012, f'liema gurnata waslet ukoll il-vettura in kwisjtoni, u kwindi kienu lahqu ghaddew it-tletin gurnata entro liema riedet tigi sottomessa l-applikazzjoni. Jistqarr illi l-permess ta' residenza inghata lir-rikorrent fit-2 ta' Novembru 2012.

**Norma Camilleri**, li kienet tokkupa l-kariga ta' amministratur fis-Sezzjoni tas-Sewqan fiz-zmien in ezami, stqarret illi hija ma kinitx tiftakar dwar dan il-kaz partikolari pero` kkonfermat li l-*e-mail address* fuq zewg *e-mails* li gew esebiti bhala Dok NC1 u NC2 a fol. 89 u 90 tal-process kien taghha.

Illi dan it-Tribunal ihoss li l-ewwel ma ghandha tigi indirizzata hija t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u cioe` li hi mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u li kwindi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li d-decizjoni appellata ttiehdet mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi.

[5] Ara Dok JFA1 a fol. 36

Illi t-Tribunal jirrileva illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru tal-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata ghandha ragun fit-tieni eccezzjoni taghha u ghalhekk qieghed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sorvolata din l-eccezzjoni, it-Tribunal se jinvesti issa l-mertu proprju u cioe` jekk il-Ministeru intimat kienx gustifikat u korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni abbazi tal-fatt li r-rikorrent ma applikax ghall-ezenzjoni fi zmien tletin gurnata mid-data li hu ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ir-rikorrent jargumenta illi huwa fittex li jinforma ruhu minn qabel kif kellu jikkwalifika ghall-ezenzjoni u fil-fehma tal-Qorti dan gie ampjament ippruvat. Huwa jishaq illi huwa dejjem nghata l-impressjoni li kellu tnax-il xahar biex japplika ghall-ezenzjoni minn meta jikseb il-permess ta' residenza. Jishaq ukoll illi lanqas fl-applikazzjoni nnifisha m'hemm imkien imnizzel li kellu biss tletin gurnata mit-trasferiment tar-residenza biex japplika ghall-ezenzjoni.

Illi fattwalment ir-rikorrent ghandu ragun f'dan kollu. Pero` legalment mhux korrett. Illi mill-applikazzjoni u mid-dokumenti annessi maghha jirrizulta illi r-rikorrent ha r-residenza tieghu hawn Malta fit-23 ta' Settembru 2012.[6] Jirrizulta wkoll illi l-vettura waslet hawn Malta fl-istess data.[7] Jirrizulta wkoll illi l-applikazjoni ghall-ezenzjoni giet sottomessa fis-7 ta' Jannar 2013.

Illi jigi rilevat illi biex wiehed jinghata l-ezenzjoni in kwistjoni irid jissodisfa l-hames (5) kriterji elenkati fir-Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 u cioe:-

[6] Dok HB1 a fol. 49
[7] Ara *boarding pass* tal-vettura a fol. 54

*"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) hija tkun ġiet akkwistata taħt il-kondizzjonijiet ġenerali tat-tassazzjoni li jkunu fis-seħħ fis-suq domestiku tal-Istat li minnu tkun qiegħda tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta, u ma tkunx soġġetta għall-fatt li tkun ser tiġi esportata għal xi eżenzjoni minn jew rifużjoni ta' dazju tas-sisa, taxxa ta' valur miżjud jew xi taxxa oħra ta'konsum;*

*(ċ) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-eżenzjoni trid tkun ilha tgħix barra minn Malta għal perjodu kontinwu ta' għallinqas erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data li fiha hija ma tibqax ikollha r-residenza normali tagħha barra minn Malta;*

*(d) l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data; u*

***(e) jekk il-vettura tkun diġà waslet f'Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qiegħda tittrasferixxi r-residenza tagħha fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta.**"*

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi jekk il-vettura tkun waslet Malta u l-persuna tkun hadet ir-residenza taghha hawn Malta, kif gara fil-kaz odjern, jiskatta **t-terminu ta' tletin gurnata** ai termini tar-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 6 tal-2012. Ir-Regolament 4 (3) (d) japplika biss jekk il-vettura tkun ghadha ma waslitx hawn Malta u allura hemm il-persuna koncernata jkollha terminu itwal (ta' tnax-il xahar) meta tista' tissottometti l-applikazzjoni taghha; dejjem pero` illi malli l-vettura tasal hawn Malta jiskatta t-terminu tat-tletin gurnata.

Illi, kuntrarju ghal dak sottomess mir-rikorrent, il-permess ta' residenza mhux dokument *sine qua non* biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghalkemm huwa mnizzel fil-lista ta' dokumenti li jistghu jigu rikjesti li jigu sottomessi. Madankollu, f'dan il-kaz ma rrizultax illi l-Ministeru

intimat ghamel xi domanda lir-rikorrent biex proprju jissottometti l-istess dokument.

Illi min-naha l-ohra it-Tribunal ma jistghax ma jikkummentax dwar in-nuqqas, fl-opinjoni ta’ dan it-Tribunal gravi, li wiehed isib fil-formola VEH 07, liema formola isservi bhala applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni, u cioe` l-fatt li mkien fuq din il-formola, fil-format taghha fiz-zmien in ezami, **ma jirrizulta li hemm indikazzjoni dwar it-terminu fatali ta’ tletin gurnata mentri wiehed isib referenza kwazi *verbatim* tal-kundizzjonijiet l-ohra kollha elenkati f’Regolament 4 (3) tal-Avviz Legali 6 tal-2012.** Illi li kieku dan it-terminu ta’ tletin gurnata kien imnizzel kif kienu mnizzlin ir-rekwiziti l-ohra kollha, ir-rikorrenti kien ikun f’posizzjoni ferm ahjar biex jevalwa s-sitwazzjoni tieghu, anke jekk semmai kien ghadda tali terminu. It-Tribunal ma’ jistghax lanqas ma jiccensurax in-nuqqas ta’ gwida serja li kien hemm min-naha ta’ Transport Malta, li ghalkemm mhijiex l-entita` li tohrog l-ezenzjoni, ghandha tal-inqas tinforma korrettement lill-applikanti prospettivi dwar il-perjodi fatali li jezistu biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni. Ghalhekk dan in-nuqqas se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Maghdud dan kollu pero`, jibqa’ l-fatt li l-applikazzjoni ma saritx *entro* t-terminu ta’ tletin gurnata stabbilit mil-ligi u dan it-Tribunal ghandu l-kompitu limitat li jezamina jekk il-Ministru intimat tramite t-*Transfer of Residence Exemption Board* kienx korrett fl-ezercizzju li ghamel biex wasal ghac-cahda tal-applikazzjoni ghall-ezenzjoni tat-taxxa fuq il-vettura in kwistjoni. Illi dan it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni li ghaliha ghandu jirrevoka l-istess decizjoni.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi:-

1. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata peress li din giet sorvolata bid-debita korrezzjoni permezz ta’ digriet tas-7 ta’ Novembru 2013,
2. Jilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-istess Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju,

3. Jichad l-appell interpost mir-rikorrenti mid-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 13 ta’ Frar 2013 u jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-Ministeru intimat.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------